**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

## Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 49

## nhar l-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2016, fil-5:30pm

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, kien msejjaħ sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 49 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2016, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Ħadd

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**---- MINUTI -----**

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara nota ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Sammut li dan kien ser jasal ftit tard minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill approva dan.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

48.2.2 dwar punt 48.3.4 : is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-bozza tal-projector fis-sala tal-Kunsill ma kienitx possibli li tinbidel kemm minħabba raġuni ta' prezz u kemm minħabba raġuni li

m' għadx hawn minnnhom fis-suq. Għaldaqstant inbidel il-projector kollu.

dwar punt 48.4.2 Is-Sindku informa li kellu tgħarif minn Transport Malta li x-xogħol fi' Triq Għajn Tuffieħa kien ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin;

49.2.3 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.3.1 Is-Sindku informa li Transport Malta u l-Malta Public Transport kienu ser jinstallaw bus-shelter ġdid fi' Triq Għajn Tuffieħa.

49.3.2 Is-Sindku informa li x-xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli ta' Triq l-Alwiża kienu tlestew.

49.3.3 Ġien mħabbar ukoll li xi studenti tal-Junior College mil-lokalita' kienu ser jagħmlu proġett tas-System of Knowledge li matulu kienu ser jagħmlu żjarat lill-anzjani.

49.3.4 Is-Sindku informa wkoll li kienu inxtraw uniformijiet ġodda għall-membri tal-istaff tal-Kunsill u li dawn ser jibdew jintużaw fil-jiem li ġejjin.

Fis-6:11pm, wasal il-Kunsillier Mario Sammut.

**49.4 Korrispondenza**

49.4.1 Ġiet imressqa korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill.

49.4.2 Ġiet ippreżentata talba sabiex il-Kunsill jagħmel kaxxa safra għall-bejjiegħ tal-ġelati ħdejn il-pompa tal-petrol f' Wesgħat il-Ġublew. Wara li l-Kunsill iddiskuta, qabel unanimament li dan ma jsirx.

**49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

49.5.1 Ġiet ippreżentata mistoqsija waħda, dik tal-Kunsillier Mario Sammut dwar jekk kienux tmexxew proċedimenti dwar l-użu ħażin tal-Bring-In Site fi' Triq

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Ganfra. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li talab l-informazzjoni mill-G4S, jirriżulta li sa dak in-har tal-laqgħa kienu intbgħatu 5 ċitazzjonijiet lill-individwi li permezz tal-CCTV cameras inqabdu jagħmlu użu ħażin mil-Bring In Site.

F' dan il-mument, il-Kunsill irċieva il-laqgħa tas-Sinjura Elizabeth Ebejer, li kienet tokkupa il-kariga ta' Kunsillier sal-laqgħa preċedenti. Hawnhekk is-sindku ippropona li jissospendi il-laqgħa biex is-Sinjura Ebejer tkun tista' tirringrazzja lill-Kunsill. Din il-proposta ġiet issekkondata mill-Kunsillier Clayton Gauci. Għalhekk, il-laqgħa ġiet sospiża mis-6:12pm sas-6:23pm, fejn il-laqgħa tkompliet.

**49.6 Rapporti**

49.6.1 Id-Deputat Sindku, Eman Vella ta' rapport u rendikont tal-ħidma li saret mill-Kunsill fuq skemi tal-Majjistral Action Group. Irrapporta wkoll li fil-jiem li ġejjin, dan l-Action Group ser ikollu l-Elezzjonijiet għall-Bord u li l-Kunsill kien ser jieħu sehem attiv fihom.

**49.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

49.7.1 Ma kienx hemm l-ebda' punt dwar dan f' din il-laqgħa.

**49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

49.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 12/2016, li kienet tammonta għal €31, 250.01. Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**49.9 Mozzjonijiet**

49.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**49.10 Riżenja tal-Kunsillier Elizabeth Ebejer u mili tal-post battal**

49.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Elizabeth Ebejer li permezz tagħha kienet irriżenjat mill-post ta' Kunsillier minħabba raġunijiet ta' xogħol u karriera. B' dan, is-Segretarju Eżekuttiv informa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici, lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo u lill-Kummissjarju Elettorali Ewlieni dwar dan. B' effett ta' dan, ser tissejjaħ

elezzjoni każwali bin-nominazzjoni jintlaqgħu fit-8, 9 u 10 ta' Novembru fil-waqt li l-elezzjoni ser issir it-Tnejn, 14 ta' Novembru fil-għodu.

49.10.2 Is-Sindku, f' isem il-Kunsill Lokali tal-Imġarr, irringrazzja lis-Sinjura Ebejer tal-kontribut tagħha matul iż-żmien li hija okuppat il-kariga ta' Kunsillier u tal-impenn tagħha b' risq il-kommunita' Mġarrija.

**49.11 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin**

49.11.1 Il-Kunsill iddiskuta numru ta' attivitajiet għax-xhur li ġejjin.

49.11.2 Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru ser isir Wirja Artistika fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill mill-artisti lokali Pierre Micallef u Julian Bugeja. Wara ikun hemm bibita għall-dawk preżenti.

49.11.3 Ġieħ l-Imġarr għas-sena 2017 ser isir il-Ħadd 5 ta' Frar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Banda Imperial tal-Mellieħa aċċettat li għal sena oħra terġa' tieħu sehem f' dan l-avveniment.

**49.12 Proġetti Ewropej**

49.12.1 Eman Vella informa li l-Kunsill kien applika għall-proġett tal-Unjoni Ewropeja, bl-isem ta' OLIMED for HEALTH. Dan il-proġett se jkun qiegħed jagħmel studju nazzjonali dwar iż-żejt taż-żebbuġ u li permezz tiegħu il-Kunsill ser ikollu esperti sabiex jgħinu f' dan il-proġett.

**49.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

49.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7:18pm.

49.13.2 Il-Laqgħa li jmiss ġiet imsejjħagħat-Tnejn, 28 ta' Novembru 2016, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

IFFIRMAT

*Paul Vella*
***Sindku***

IFFIRMAT

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***